# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 511/97mm**

**A.G. Ventures Ltd**

**vs**

**Surgiquip Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Marzu,1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm587.50c) liema ammont jirrapprezenta l-bilanc minnha dovut, minn somma akbar ghal merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lilha skond ma kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok 'A' sa Dok 'D'.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Frar 1997, t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq id-drittijiet

professjonali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Surgiquip Limited fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda peress li l-prodott in vendita ma kienx gie konsenjat 'tajjeb' u bid-dokumenti kollha mehtiega ghall-uzu li ghalih hu destinat. Dan in-nuqqas ghandu jwassal ukoll ghan-nullita' tal-kontratazzjoni fuq bazi ta' oggett u/jew kawza illecita.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi ghal habta ta' Awissu 1996 is-socjeta' konvenuta xtrat minghand is-socjeta' attrici kwantita ta' medicini li b'kollox jiswew l-ammont ta' elf mija tmienja u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm1,158.50c). Il-hlas ta' din il-medicina kienet soggetta ghal ftehim maghmul fl-10 ta' Ottubru 1996 illi jidher a fol 2 tal-process liema ftehim huwa ffirmat minn Frank Cachia ghan-nom tas-socjeta' attrici. Skond dan id-dokument is-socjeta' attrici accettat illi tithallas fiz-zmien xahar minn meta l-licenzja tkun harget favur is-socjeta' konvenuta u nofs l-ammont l-iehor jigi sodisfatt fi zmien xahar u nofs wara.

Fid-19 ta' Dicembru 1996 is-socjeta' konvenuta ghamlet hlas ta' hames mija u tmenin lira (Lm580.00). Skond Mario Debono a fol 17 tal-process dan il-hlas sar in buona fede. Gara pero', illi l-*free sales certificate* li huwa necessarju sabiex il-medicina tinbiegh legalment go Malta ma giex prodott. L-istess Frank Cachia a fol 12 jirrikonoxxi illi qamet xi kwistjoni dwar dawn il-medicini. Huwa jirreferi ghaliha bhala xi haga li tikkoncerna t-*trade mark* peress illi din il-medicina ma gietx direttament minghand il-kumpanija illi timmanifatturahom izda tramite terzi persuni. Is-socjeta' konvenuta pero', tmur oltre, u dina allegat illi ma setghetx tbiegh din il-merkanzija peress illi *l-free sales certificate* ma giex prodott lilha, la mis-socjeta' attrici u lanqas mis-socjeta' illi timmanifattura din il-medicina peress illi din ta' l-ahhar ma thallsitx minn A.G. Ventures Limited. Is-socjeta' konvenuta kkomunikat direttament mal-fabbrika illi timmanifattura din il-medicina Esseti Farmaceutici u dawna ghamluha cara b'ittra datata 7 ta' Frar 1997 li: *"….. we will not send you certificates."*

Xehed f'din il-kawza t-Tabib Joe Portelli Demajo li huwa t-Tabib tal-Gvern li jiehu hsieb l-importazzjoni tal-medicini. A fol 33 jispjega li c-certifikat maghruf bhala GMP u cioe' *"Good Manufacturing Practice"* huwa dak maghruf bhala *free sales certificate.* Spjega l-procedura li hija wzata sabiex medicina tigi mportata hawn Malta u spicca biex qal illi "kwalunkwe medicina li tigi mportata validament u regolarment f'dan il-pajjiz jehtieg li jkollha dan ic-certifikat maghruf bhala GMP".

Is-socjeta' konvenuta ppruvat tbiegh din il-merkanzija u anke poggietha fis-suq izda meta rat illi dan ic-certifikat baqa ma giex

prodott kellha bilfors tigbor lura din il-medicina u zzommha ghandha.

Ikkunsidrat:

Mhuwiex kontestat bejn il-partijiet l-ammont illi qed titlob is-socjeta' attrici, pero' s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi hija mhijiex tenuta thallas dan il-bilanc peress illi l-merkanzija illi giet mibjugha lilha ma kienetx merkantibli.

Il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghal ftehim jew dikjarazzjoni illi hemm a fol 2 tal-process liema ftehim huwa kondizzjonat ghal licenzja illi ghandha tigi konsenjata lis-socjeta' konvenuta sabiex dina tkun tista tbiegh il-medicina. Dan il-ftehim jew dikjarazzjoni huwa ffirmat minn Frank Cachia u dan jaghmilha cara kif ghandu jsir il-pagament.

Ma hemmx dubbju illi l-aktar kondizzjoni mportanti f'din id-dikjarazzjoni hija l-ottjeniment tal-licenzja. Din il-licenzja baqghet ma gietx, quindi s-socjeta' konvenuta kienet intitolata illi ma tonerax dan il-hlas kif kien mitlub minnha mis-socjeta' attrici. Kienet responsabbilta' ta' din ta' l-ahhar sabiex totjeni l-licenzja favur is-socjeta' konvenuta u ma jidhirx mill-atti li ghamlet xi sforz sabiex din il-licenzja tigi ottjenuta. Kull sforz jidher illi sar mis-socjeta' konvenuta fejn anke kkomunikat direttament mas-socjeta' produttrici. Dana kien kollu ghalxejn, ic-certifikat baqa ma giex rilaxxat u l-merkanzija ma setghetx tinbiegh. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun izzomm dan il-pagament u s-socjeta' attrici ma ghandhiex ragun tkompli

tesigieh, stante illli kien nuqqas taghha stess illi zamm din il-merkanzija fuq xkaffa u b'hekk mhux merkantibbli.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg